**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech, LL.D., Mag. Jur.(Int.Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**
**-vs-**
**George Vella bin Tony u Mary xebba Borg, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar l-10 t'Awissu, 1979, residenti St. Francis, Block B, Flat 3, Triq Patri Anton Debono, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 21479G**

Illum 24 ta' Gunju, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Vella u cioe` talli :

Fis-6 ta' Marzu, 2019, ghall-habta tas-17:15 hrs gewwa l-kazin bl-isem Astra li jinsab fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex:

1. Fi triq jew f'post pubbliku iehor, imbotta lil Andre Mercieca sabiex iwegghu jew jinsulentah;
2. Waqt li kien gewwa jew waqt li kien hiereg mill-kazin maghruf bhala Astra li jinsab fi Triq ir-Repubblika, Rabat Ghawdex, liema stabbiliment huwa post ta' divertiment/kazin, gab ruhu b'tali b'mod li kiser il-buon ordni fl-imsemmi stabbiliment;
3. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
4. Hebb ghal Andre Mercieca u kkagunalu offiza ta' natura gravi.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titlob ghas-sigurta` tal-persuna ta' haddiehor jew biex jinzamm l-ordni pubbliku, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus hekk iffissata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami tal-provi migjuba jirrizulta li minn ezami kondott fuq il-kwerelant mit-tabib **Dr. Darren Galea**, instab li dan soffra griehi ta' natura hafifa jew ahjar "Non-Grievous"[1]. F'dak ic-certifikat jinghad li Andre Mercieca soffra *"small tear in upper lip mucosa"* u kellu *"dry blood in nose".*[2] Dr. Galea xehed li Mercieca *"kellu demm f'imniehru u f'halqu, kien sar CT scan ta' rasu li kien normali u ma kienx hemm ksur fl-ghadam tar-ras jew tal-imnieher …ikkunsidrajt dawn l-injuries bhala slight".*[3]

Instema' l-**Ispettur Gauci**[4] jixhed li xhur wara l-incident addebitat lill-imputat, Mercieca permezz tal-avukat tieghu insista li jinhargu imputazzjonijiet ghall-offiza gravi u dan meta ma kien hemm l-ebda certifikat mediku biex juri dan. Korrettament l-ispettur prosekutur irrifjuta li jaghmel dan minghajr prova ta' certifikat mediku, liema certifikat wasal xhur wara li l-incident, mertu ta' dawn il-proceduri, nbdew quddiem din il-Qorti diversament preseduta w wara li nhargu l-akkuzi li jidher li nhargu fl-4 ta' Gunju, 2019.

Stranament il-kwerela li ggib id-data tat-8 t'April, 2019, titlob li jinhargu imputazzjonijiet ta' offiza ta' natura gravi peress li l-griehi li *soffra "wasluh ghal debilita` permanenti fuq persuntu. Wara aktar minn tlettin (30) jum l-istess feriti ….ghadgom ma fiqux".*

**Ghalhekk tqum id-domanda, ghaliex Mercieca stenna ghall-aktar minn xahrejn wara biex jara newrologu?**

**Kif seta' jipprevedi l-kundizzjoni tieghu sakemm mhux tabib jew mghallem fil-medicina? Kemm kien profetiku l-kwerelant!**

---

[1] Dok.CB3 a fol.13
[2] Ibid.
[3] Fol.13
[4] Xhieda tal-21 t'April, 2021

Fil-fatt kien biss fit-13 ta' Lulju, 2019, li Mercieca gie ezaminat minn Newrologu **Dr. Adrian Pace** fejn jinghad *"A full neurological examination on the day of assessment was unremarkable"*. Ghalkemm is-sintomi kif deskritti minn Mercieca lin-newrologu huma konsistenti ma *"post-concussional syndrome"* jinghad cjar u tond *"Mr Mercieca's symptoms have largely resolved, I would view his* ***long term prognosis as excellent".*** **Altru` li ma soffra ebda debilita` ta' natura permanenti!!**

Il-Qorti ser taghzel li tkun ferm kawta dwar dak li fil-fehma taghha sehh verament.

Fil-fehma tal-Qorti, anke wara li semghet lil Dr. Pace, l-imputazzjoni kif addebitata lill-imputat u cioe` dik li l-azzjonijiet tieghu wasslu biex jikkawzaw griehi ta' natura gravi ma ssibx sostenn bil-provi prodotti.

Issa ghalkemm il-kwerelant fil-kwerla[5] minn tieghu jittenta jaghti l-imbekkata li dawn il-griehi damu izjed minn tletin gurnata, perjodu ta' zmien li ssir riferenza ghalih fid-disposizzjoni tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali bhala wahda mic-cirkostanzi li jwasslu sabiex griehi jigu klassifikati bhala ta' natura gravi, dak l-artiklu jipprovdi kontestwalment:

> (*d*) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, **iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu**;

Il-prova li Mercieca inzamm milli jmur ghal xoghol ghal 30 il-jum jew izjed ma tirrizulta minn imkien!

Dak li jirrizulta mill-provi izda, hu li l-griehi sofferti minn Mercieca kienu ta' <u>natura hafifa</u> u dan meta sofra qasma fix-xoffa u daqqa fuq imniehru.

Ghalhekk u kif juru l-provi, mhemmx dubbju li l-imputat ikkawza **offizi hfief ta' importanza zghira** fuq Andre Mercieca. Kif wrew ritratti esebiti mill-imputat, li fihom jidher il-kwerelant jiccelebra l-Belt ir-rebh tal-kampjonat Premier, l-incident mgarrab minnu ma zammux milli jkompli bil-hajja normali. Dan jikkontrasta bi kbir mal-impressjoni li ried johloq il-kwerelant mhux biss quddiem il-qorti izda anke minn dak li rrifera lill-konsulent tieghu.

Bla dubbju dawn huma griehi ta' natura hafifa ta' importanza żgħira kif ravvizati bl-artikolu 221(3)(b) tal-Kodici Kriminali, reat li ghalih hemm stabbilita l-piena ghall-kontravvenzjonijiet.

Issa l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

---
[5] Fol.14

> **688.** Bla ħsara ta’ fejn il-liġi tiddisponi xort’oħra, l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni –……
>
> (*e*) bl-egħluq ta’ **sentejn** għad-delitti suġġetti għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Ghaldaqstant din l-imputazzjoni mhix milquta bil-preskrizzjoni.

Mhux l-istess jista' jinghad rigward l-imputazzjoniet l-ohra li huma lkoll ta' natura kontravvenjonali. L-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-imputat gew preskritti nhar is-6 ta' Gunju, 2019!

Dejjem fuq l-insistenza tal-kwerelant, il-Pulizija emendat l-imputazzjoni fil-konfront ta' Vella nhar il-11 ta' Dicembru, 2019[6], disa xhur wara d-data tal-ghemil addebitat u cioe` dik tas-6 ta' Marzu, 2019.

L-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> **688.** Bla ħsara ta’ fejn il-liġi tiddisponi xort’oħra, l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni –……
>
> (*f*) bl-egħluq ta’ tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 221(3)(b) tal-Kodici Kriminali issib l-imputat hati tar-raba imputazzjoni, tilliberah mill-kumplament, u tikkundannah ghal ammenda ta' hamsa w tmenin ewro (€58).

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[6] Fol.31